KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso

Triq il-Kbira San Ġużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

E-Mail: santavenera.lc@gov.mt

Web page: http://www.stvenera.gov.mt

4/17

**Minuti tar-raba' laqgħa tas-sbatax–il sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret B'URĠENZA fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tnejn 29 ta' Marzu 2010, fis-7:30pm.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven Christian Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Cassar | - | Segretarju Eżekuttiv |

1.0 Item 1: Talba

1.1 Il-laqgħa infetħet b'talba qasira mis-Sindku.

1.2 Is-Sindku qalet li din il-laqgħa ssejħet b'urġenza mis-Sinjuri Anastasi, Sultana, Bugeja u Camilleri skond Kap 363 tal-Att dwar Kunsilli Lokali 29A.

2.0 Item 2: Mistoqsijiet

2.1 Is-Sindku qalet li r-risposti se jingħataw f'laqgħa oħra.

2.2 Is-Sur Sultana talab li għall inqas is-Sindku tinforma lill-Kunsill dwar il-vandaliżmu li sar dan l-aħħar fi Playground Ġuże' Flores.

Is-Sindku qalet li fid-19 ta' Marzu 2010 għal ħabta tal-5:30pm / 5:45pm il-contracts manager Sivio Vella mar id-dar tagħha u infurmha li sab basket skieken fil-playground. Dan il-basket kien indikat lilu minn tfal li kienu qed jilgħabu fil-playground u li indikawlu li kienu ta' tfal ftit akbar minnhom fl-eta. Apparti hekk, l-istess tfal indikaw ukoll li dawn it-tfal il-kbar joqgħodu jisparaw tip ta' stilel tal-metall lejn il-board tal-bandi u anke qattgħu xi tapiti tal-lastiku mill-istess playground. Hawn, is-Sindku u l-contracts manager niżlu l-għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun jagħmlu rapport. Qalet li l-Pulizija ma telgħux fuq il-post għax il-Pulizija, li kienet mara, kienet waħeda. Pero qalet ukoll li l-Kunsill għandu recording mill-camera.

F'dan l-istadju (7:50pm)_is-Sur Briffa daħal fil-kamra u ħa postu madwar il-mejda.

Is-Sur Anasatasi qal suppost saret inkjesta u talab li wara l-laqgħa s-Sindku tinforma lis-Supretendent Magri bill-każ. Il-Kunsill qabel. Qabel ukoll li s-Sindku tikteb formali lis-Supretendent Magri dwar il-każ u jiġi rkuprat recording ta' ġimgħa sħieħa u jingħata lill-Puizija mar-rapport.

3.0 Item 3: Ordnijiet tal-Ġurnata

3.1 *Problema tat-trasport minn Greenpak*

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jittollera biss sospensjoni tas-servizz sa nhar it-Tnejn 12 ta' April 2010.

3.2 *Ħin tal-ġbir tal-iskart*

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-ħin tal-ġbir tal-iskart jibqa kif inhu minkejja l-multa u dan biex ma jħawwadx lir-residenti. Eventwalment, il-ħin jinbidel għal filgħodu f'kuntrtatt ġdid wara Mejju 2011. Fuq suġġeriment tas-Sur Camilleri, il-Kunsill qabel li jingħaqad ma Kunsilli Lokali oħra li l-iskart tagħhom jinġabar filgħaxija u ssir diskussjoni fl-AKL ġaldarba l-Kunsilli ma ġewx konsultati.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li issa l-Kunsill jrid iċaqlaq il-voti fl-estimi finanzjarji.

3.3 *Iż-żjara tal-Papa*

Fuq mistoqsija tas-Sur Anastasi, is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kiteb lill-uffiċċjali tal-Gvern sabiex jikkonfermaw bill-miktub dwar €127,000 li l-Gvern se jalloka f'xogħlijiet f'Santa Venera iżda għadu mingħajr risposta.

Wara diskussjoni, il-Kunsill approva li t-€18,000 allokati jinqasmu €10,000 marki u sinjali tat-traffiku u €8,000 f'irranġar ta' bankini tul Triq il-Kbira San Ġużepp kollha.

Il-Kunsill qabel ukoll li jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħamrija tar-roundabout ta' Fleur de Lys li mal-ewwel xita tista tispiċċa fit-triq għax m'għandiex ilqugħ adekwat.

3.4 *Kodiċi ta' Etika*

Is-Sur Anastasi qal li l-Kunsilliera jew qed ikunu infurmati tard jew mhu qed ikunu infurmati xejn b'dak li jkun qed jiġri.

Semma kif is-Sindku tat ordni lil min jiftaħ u jagħlaq Ġnien Romeo Romano sabiex jingħalaq fis-7pm. Is-Sindku kkonfermat li l-ordni ingħata minna imma dan kien fil-perjodu meta l-ġnien kien mitfi. Qalet li l-iżball li sar kien li, wara li ssewwiet il-ħsara fid-dawl, ma nħarġetx ordni lura biex il-ġnien jingħalaq fil-ħin stabbilit. Is-Sur Anastasi ma qabilx mall-perjodu indikat mis-Sindku.

Is-Sur Anastasi qal li l-Kunsill għandu ħafna xogħol marbut b'deadlines u qed jinvolvi ruħu f'diversi attivitajiet. Qal li l-laqgħat tal-Kunsill mhux qed ikunu infassla b'tali mod li jkun hemm żmien biżżejjed għal diskussjoni u preparazzjoni ta' dan ix-xogħol b'konsegwenza li jittieħdu deċiżjonijiet mill-lum għal għada u anke ġieli napplikaw tard. Semma wkoll il-fatt li fl-attivitajiet ġieli anke ma kienx hemm rappreżentanza mill-Kunsill. Is-Sur Briffa qal li għall-attivita tal-isports kien hemm misunderstanding mas-Sindku u skuża ruħu. Is-Sur Camilleri irrifera wkoll għal laqgħa li s-Sindku kellha mas-Supretendent tal-Pulizija u ma attendietx. Is-Sindku qalet li kienet infurmat lis-Supretendent ftit ħin qabel il-laqgħa. Is-Sur Anastasi qal li meta membru tal-Kunsill ma jkunx jista jattendi dan għandu jinforma lill-Kunsill u jinstab sostitut minfloku.

Is-Sinjuri Anastasi u Camilleri irriferew għall-aġġornament tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill u qalu li l-Kunsill kiser il-liġi għal fatt li wara li ma kienx hemm qbil unanimu dwar id-data tal-laqgħa li jmiss ma ttieħedx vot. Is-Sindku qalet li ma intalabx vot. Is-Sinjuri Anastasi u Camilleri qalu li mhux huma kellhom jitolbu li jittieħed vot.

Is-Sur Anasatsi talab li l-Kunsill ikollu Aġent Segretarju Eżekuttiv f'każ li s-Segretarju Eżekuttiv ikun marid. Is-Sindku qalet li Aġent Segretarju Eżekuttiv jiġi allokat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali meta s-Segretarju Eżekuttiv ma jkux jista jaqdi l-funzjonijiet tiegħu u jkun qed itellef mix-xogħol tal-Kunsill bħal meta jkun imsiefer jew jekk ikollu mard fit-tul.

Is-Sur Anastasi talab li l-Kunsilliera jkunu jafu minn qabel meta l-impjegati tal-Kunsill ikunu bil-leave. Il-Kunsill ma qabilx peress li din hi xi ħaġa purament amministrattiva u ma ssir f'ebda Kunsill Lokali ieħor.

F'dan l-istadju (9:44pm) is-Sur Camilleri talab li jkun skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

Wara diskussjoni, is-Sindku ipproponiet li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir fis-6 ta' April 2010 fis-6pm. Il-Kunsill qabel b'ħames voti favur (Is-Sindku u s-Sinjuri Sultana, Bugeja, Briffa u Formosa) u vot kontra (is-Sur Anastasi). Is-Sur Anastasi iddikjara li hu ivvota kontra mhux għax ma jistax jattendi imma bħala solidarjeta mas-Sur Camilleri li fis-6 ta' April ma jistax jattendi għall-laqgħa.

4.0 <u>Item 4: Egħluq</u>

4.1 Il-laqgħa intemmet fl-9:50pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 6 ta' April 2010 fis-6pm b'aġenda diġa' mqassma.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Cassar | Ikkonfermati | Elizabeth Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | 6 ta' April 2010 | Chairperson |